TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 556/10

**Francesca Zammit**

**vs**

**Cellcom**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsa u disgħin ewro (€95), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li fi żmien il-garanzija kellha l-ħsara u wara li ħaditu għat-tiswija xorta baqa' bl-istess problema.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *mobile phone* u fi żmien il-garanzija kellha l-ħsara u minkejja li ħallset għaliha, l-istess problema reġgħet tfaċċat wara xahrejn, u għalhekk qegħda titlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tagħha hija kredibli u aċċettabli, anke minħabba l-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni da parte ta' l-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' ħamsa u disgħin ewro (€95), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**